MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Numru 512/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**VS**
**MATTHEW BRINCAT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Matthew Brincat ta’ 19-il sena, iben Charles u Pauline imwielda Soler, imwieled Pieta’ fid-9 ta’ Mejju 1990, residenti 134, Matanica, Triq is-Sienja, Attard u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 236290(M).

Illi huwa akkuzat talli fit-23 ta’ Mejju 2008 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, bhala cittadin jew resident permanenti ta’ Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika ndecenti bhal dawn, jew kellek fil-pussess tieghek ritratt, *film, video recording* jew xbieha elettronika ndecenti bhal dawn liema reat hu

aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratt, *films*, *video recordings* jew xbiehat elettronici ndecenti juru persuni taht l-eta' li ma kienux ghalqu d-disa' snin, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 208(A) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat (a fol.10) fil-verbal datat 25 ta' Marzu 2010;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Matthew Brincat, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 208(A), 28 A u G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Matthew Brincat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin, in oltre' tqieghed lill-imputat taht Supervision Suspended Order ghal perijodu ta' tlett snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Illi, di piu', l-Qorti tqieghed lill-imputat taht Treatment Order ai termini ta' Artikolu 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta taht il-psikologa Dr. Roberta Holland ghal perijodu ta' sena, b'dana li l-imputat ghandu jattendi almenu *session* ta' terapija ta' mhux anqas minn darbtejn fix-xahar, liema *Treatment Plan* qed tithalla f'idejn l-istess psikologa Dr. Roberta Holland.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------